**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Inferjuri**

**Magistrat Dr. Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum, l-Erbgha, 20 ta' Marzu 2019**

**Avviz numru 4/2017JVC**

**Xlendi Management Ltd (C38083)**

**vs**

**Scicluna Enterprises (Gozo) Limited (C5030)**

Il-Qorti;

Rat l-avviz datat 17 ta' Marzu 2017 fejn is-socjeta' attrici talbet illi s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' sebat elef tliet mija hamsa u disghin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€7,395.29c) oltre l-imghax legali mill-15 ta' Marzu 2016 rapprezentanti rifuzjoni ta' pagamenti dovuti mill-intimat ghall-oggetti mhollija fil-post konsistenti f''*partial stock, inventory, pre-payment less accruals*' kif ukoll hlasijiet ohra minnhom maghmula kif jirrizulta skont invoice numru 4393 hawn annessa u mmarkata bhala Dokument A sa Dokument A 15 fit-terminazzjoni tal-kirja tal-Hotel San Andrea, St. Simon Street, Xlendi, Gozo fl-14 ta' Marzu 2016.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-intimati ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' Scicluna Enterprises (Gozo) Limited (C5030) illi esponiet:

Illi in linja preliminari u sabiex jigi evitat kull ekwivoku, ikun opportun li ssir korrezzjoni tal-isem tas-socjeta' konvenuta stante li l-isem taghha huwa "Scicluna Enterprises (Gozo) Limited".

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess socjeta' rikorrenti.

L-invoices annessi mal-avviz promotur gew redatti unilateralment mill-attrici u ma jirriflettux il-verità tal-fatti, u kien ghalhekk li qatt ma gew accettati mill-eccipjenti.

L-attrici naqset milli taghti proper handover tal-lukanda u l-apparat u mobbli kollha ta' go fiha fi tmiem il-koncessjoni favur taghha u ghalhekk qabel ma jinghata dan il-handover kif titlob il-prattika, din il-kawza hija ntempestiva u t-talbiet tal-attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra taghha.

B'mod partikolari u bhala ezempju u minghajr ma qeghdha tkun ezawrjenti l-esponenti tissenjala li:

i. Ir-rikorrenti nkludiet fil-krediti taghha, jew naqqset mid-debiti taghha, il-valur ta' coffee machine li kienu gew ikkonsenjati lill-istess rikorrenti xhur wara li din assumiet it-tmexxija tal-lukanda "San Andrea", u dan ghaliex hija qieset li halliet sostituti ta' dawk hekk ikkonsenjati. Eppure rrizulta li l-coffee machine li kienet thalliet wara ma kienu qatt proprjetà tar-rikorrenti imma kienu ta' terzi, li sussegwentement irreklamawhom, u bil-kunsens tal-istess rikorrenti

haduhom lura. Ghalhekk ir-rikorrenti ghandha thallas valur gust ta' dan l-apparat.

ii. Is-socjetà attrici naqset li tissostitwixxi grinder li kien instab nieqes;

iii. Ir-rikorrenti naqset milli tissostitwixxi l-airconditioning system tar-reception tal-lukanda, hames fire blankets, pot dekorattiva kbira li nkisret jew giet nieqsa; kif ukoll tirripara l-airconditioning systems l-ohra li nstabu ma jiffunzjonawx tajjeb.

iv. Hemm ammonti ohra, li ghadhom jitfaccaw sal-lum, li thallsu lir-rikorrenti bi zball jew bi zvista u li kienu dovuti lill-esponenti u ghalhekk iridu jitnaqqsu mill-ammont reklamat mill-attrici.

v. Hemm ukoll kaz iehor fejn ir-rikorrenti kienet offriet xi servizzi kumplimentari fil-lukanda lil terzi li kienet tahdem maghhom; u dawn it-terzi vvantaggjaw ruhhom minn dawn is-servizzi biss wara li r-rikorrenti rrilaxxjat l-operazzjoni tal-lukanda. Il-valur ta' dawn is-servizzi ghandu ghaldaqstant ukoll jitnaqqas mill-ammont reklamat mir-rikorrenti.

vi. Hemm diversi apparat li jirrizulta li ma kienx mizmum fi stat ta' manutenzjoni tajba mir-rikorrenti u ghaldaqstant hija obbligata li taghmel tajjeb ghall-konsegwenzi negattivi.

Salvi risposti ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat ix-xhieda, affidavits, dokumenti, skritturi u l-provi kollha ezibiti fl-atti;

Rat li fil-verbal tal-15 ta' Novembru, 2018 il-kawza giet differita ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub f'termini mposti fuqhom;

Rat is-sottomissjonijiet esibiti fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-atti jirrizulta li s-socjeta' attrici Xlendi Management Limited (C38083) permezz ta' skrittura ta' kera tas-7 ta' Marzu 2006 (a fol. 27 sa fol. 38) kif sussegwentament estiza permezz ta' skrittura tal-11 ta' Frar 2011 (a fol. 39 sa fol.41) hadet f'idejha l-gestjoni tal-lukanda San Andrea fi Triq San Simon fi Xlendi, Ghawdex. Konsegwentement permezz ta' ittra ufficjali datata 12 ta' Frar, 2015 (fol. 43) is-socjeta' attrici ai termini tal-istess skrittura nfurmat lis-socjeta' konvenuta Scicluna Enterprises (Gozo) Limited (C5030) li ma kinitx ser iggedded il-kirja tal-lukanda San Andrea b'effett mill-15 ta' Marzu 2016.

Is-socjeta' attrici qeghdha titlob li s-socjeta' konvenuta Scicluna Enterprises (Gozo) Limited tigi kkundannata thallas l-ammont ta' sebat elef tliet mija hamsa u disghin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€7,395.29) rapprezentanti 'partial stock, inventory, pre-payment less accruals' u diversi hlasijiet li saru minnha skont 'invoices' esebiti fl-atti bhala Dok A sa Dok A15 (a fol. 2 sa fol. 17 tal-process). Is-socjeta' konvenuta tichad l-ammont u ssostni li l-'invoices' annessi saru

unilateralment mis-socjeta′ attrici u ma jirriflettux il-verita′ tal-fatti kif ukoll gie allegat li s-socjeta′ attrici ma tatx handover proprja tal-lukanda u tal-apparat u elenkat sensila ta′ ezempji fejn kien hemm nuqqasijiet min-naha tas-socjeta′ attrici.

**Eccezzjoni preliminari:**

Illi fl-ewwel lok jehtieg li tigi sorvolata l-ewwel eccezzjoni mqajjma mis-socjeta′ konvenuta fejn gie rilevat sabiex jigi evitat kull ekwivoku li ghandha ssir korrezzjoni tal-okkju fl-isem tas-socjeta′ konvenuta stante li l-isem taghha huwa Scicluna Enterprises (Gozo) Limited u mhux dak ta′ Scicluna Enterprises Gozo Limited. Il-Qorti rat li fil-mori tas-smiegh tal-Avviz is-socjeta′ attrici naqset milli taghmel rikors f′dan is-sens izda la darba hija l-istess socjeta′ intimata li qed titlob li ssir il-korrezzjoni a skans ta′ kull ekwivoku u wara li kkonfermat li fl-iskritturi bejn il-partijiet isem is-socjeta′ konvenuta fil-fatt huwa ndikat kif qed tindika s-socjeta′, din il-Qorti tordna li isem is-socjeta′ konvenut fl-atti kollha nkluz fl-Avviz promotorju jigi korrett sabiex jaqra Scicluna Enterprises (Gozo) Limited.

**It-tieni u t-tielet eccezzjoni:**

Illi t-tieni u t-tielet eccezzjoni mressqa mis-socjeta′ konvenuta qeghdin jigu elenkati fil-qosor bhala s-segwenti:

1. L-‘invoices′ annessi mar-rikors promotur immarkati bhala Dok A sa Dok A15 huma maghmulin unilateralment;

2. Nuqqas mis-socjeta' attrici li taghti 'hand over' proprja tal-lukanda u tal-apparat u mobbli bin-nuqqasijiet jigu elenkati bhala s-segwenti:

(i) Magna tal-kafe nieqsa;
(ii) 'Grinder' nieqes;
(iii) Ma gewx sostitwiti 'airconditioning system' tar-'reception' tal-lukanda, hames 'fire blankets' u pot dekorattiva;
(iv) Ammonti li ghandhom jitnaqqsu u dana stante li gew imhallsa bi zball, jew bi svista lis-socjeta' attrici;
(v) Ammont relatat ma' servizzi kumplimentari moghtija bhala akkomodazzjoni lil terzi fil-lukanda u dana peress li ttiehdu meta l-lukanda ma kinitx ghandha taht il-gestjoni tas-socjeta' attrici;
(vi) Apparat li ma kienx qieghed jinzamm fi stat tajjeb ta' manutenzjoni.

Illi l-konvenuti jressqu eccezzjoni li l-'invoices' annessi mal-avviz saru unilateralment mill-atturi. Min-naha tas-socjeta' attrici din ma tichadx dan il-fatt pero' r-rapprezentanti taghha li xehdu fl-atti jzidu li fuq dawn l-'invoices' hemm il-kitba ta' Paul Scicluna (rapprezentant tas-socjeta' ntimata) fejn bejn il-partijiet kien intlahaq ftehim ta x'ghandu jigi dedott minn dak l-ammont li s-socjeta' attrici kienet originarjament indikat bhala dovuti lilha.

Il-Qorti ezaminat dawn l-'invoices' annessi u mmarkati bhala Dok A sa Dok A15 mal-avviz fejn setghet tinnota li fuqhom saru xi korrezzjonijiet

bil-uzu tal-pinna. Dawn il-korrezzjonijiet jikkonsistu f'kancellament ta' certu ammonti (ara Dok A; Dok A1 u Dok A2 a fol. 2 sa fol. 4); marki li jindikaw li l-ammont huwa tajjeb (ara Dok A3 a fol. 5); u 'invoices' ohra b'numri mmarkati fuqhom. Fuq 'invoices' ohra ma jidhirx li saru xi korrezzjonijiet jew marki ohra bil-pinna.

Illi mid-deposizzjoni tar-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta Paul Scicluna moghtija in kontro ezami nhar il-15 ta' Novembru, 2018 jirrizulta kkonfermat li dawn il-korrezzjonijiet saru minnu. Hekk xehed in kontro ezami:

> '<u>L-Avukat Dottor Daniel Buttigieg:</u>
>
> Ha nirriferik, ha nibda minn hawn, ha nirriferik ghal dokument A1, A2 et seq.  Ara naqblux li l-'handwriting' li hemm maqtugh etc., dak huwa, dik hija l-'handwriting' tieghek, hux hekk?
>
> <u>Ix-xhud:</u>
>
> Iva.
>
> <u>L-Avukat Dottor Daniel Buttigieg:</u>
>
> U ara naqblux li dan l-inventarju originarjament mhux minsus, biex nifthemu, kien tahulek Jason u dortu mieghu u inti qrajtu u rrangajtu kif kontu qed tifthemu dak il-hin. Hux hekk? Naqblu?
>
> <u>Ix-xhud:</u>
>
> Naqblu, naqblu ...'

Illi minn dan wiehed facilment jista' jikkonkludi li ghalkemm tqajmet l-eccezzjoni li l-'invoices' saru unilateralment, dan m'huwiex effettivament minnu u dana peress li s-socjeta' konvenuta kellha l-opportunita' li tezamina dawn l-'invoices' flimkien ma' Jason Galea u li taghmel korrezzjonijiet, kif effettivament gara. Il-Qorti tirrileva li l-ammont originarjament reklamat mis-socjeta' attrici fl-'invoices' (ara Dok A sa Dok A15 mal-avviz) kien izjed minn dak mitlub permezz tal-avviz odjern. Kien biss wara li dawn l-'invoices' gew ezaminati u revizjonati minn Paul Scicluna bhala d-direttur tas-socjeta' konvenuta li hareg l-ammont li qieghed jintalab mis-socjeta' konvenuta. Illi ghalhekk din il-Qorti ma taqbilx li l-'invoices' saru unilateralment u ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad din l-eccezzjoni.

Illi skont is-socjeta' konvenuta kien hemm nuqqas min-naha tas-socjeta' attrici u dan meta hija ma tatx '*proper hand over*' tal-lukanda San Andrea u tal-apparat u mobbli li kienu jinsabu fil-lukanda. Fir-rigward il-'*proper hand over*' tal-lukanda l-Qorti nnotat li mill-provi mressqa jirrizulta li fir-rigward ta' gestjoni u operat tal-lukanda, il-lukanda San Andrea baqghet ghaddejha b'mod normali (tant li lanqas ghalqet ghal jum wiehed biss) malgrad li kien hemm kambjament fil-'management' tal-lukanda. Dan il-fatt gie kkonfermat kemm minn Paul Scicluna – d-direttur tas-socjeta' konvenuta kif ukoll mid-Dottoressa Maria Borg Scicluna – bint Paul Scicluna u l-persuna li hadet hsieb il-'hand over' tal-lukanda meta nbidel il-'management'.

Hekk inghad in kontro ezami minn Paul Scicluna (a fol. 227 sa fol. 241):

‘ ... <u>L-Avukat Dottor Daniel Buttigieg:</u>

Ezattament. U inti wara li giet itterminata l-kirja, naqblu li inti ma ghamiltx gurnata maghluq imma bqajt ghaddej regolarment?

<u>Ix-xhud:</u>

Bqajt ghaddej, iva, mela.’

Dr Maria Borg Scicluna (a fol. 251 sa fol. 257) dwar il-‘hand over’ tixhed kif isegwi:

‘...<u>L-Avukat Dottor Daniel Buttigieg:</u>

Mela Dottoressa buongiorno. Ara naqblux inti l-‘handover’ tal-lukanda minn Jason ghal ghandkom kienet prattikament f’idejk, speccjalment fuq ‘bookings’, etc.

<u>Ix-xhud:</u>

Ezatt.

<u>L-Avukat Dottor Daniel Buttigieg:</u>

Naqblu. Ara naqblux ukoll li l-lukanda wkoll kienet baqghet topera, jigifieri ma ghalqitx, qatt ma ghalqet mill-‘fifteen of’ –

<u>Ix-xhud:</u>

Qatt ma ghalqet il-bibien, le. ...’

Illi apparti l-fatt li l-lukanda baqghet topera qisu qatt ma nbidel xejn, gie wkoll ikkonfermat mill-istess Paul Scicluna u Dr Maria Borg Scicluna li s-socjeta’ attrici ghaddiet l-bookings kollha li kellha ghall-perjodu sussegwenti; jirrizulta li ghaddiet l-informazzjoni kollha relatata ma’ agenti; ghaddiet l-‘email addresses’ tal-lukanda; in-numru tat-telefon (li

kien hemm prezenti minn qabel); il-'website' tal-lukanda li *ex admissis* mix-xhieda tas-socjeta' konvenuta giet ikkreata mis-socjeta' attrici waqt l-operat taghha u l-haddiema bejn wiehed u iehor baqghu l-istess. Din il-Qorti hija konvinta mill-assjem tal-provi li s-socjeta' attrici fil-verita' ghamlet dak kollu possibbli sabiex taghti 'hand over' tajjeb tal-lukanda lis-socjeta' konventa. Il-lukanda baqghet topera b'mod normali u zgur li kieku ma kienx hemm trasferiment tal-gestjoni tajba, il-lukanda ma kinitx ser tibqa' ghaddejha qisu xejn mhu xejn.

Illi dwar il-kwistjoni tal-magna tal-kafe, irrizulta mill-provi li din kellha titnehha waqt il-gestjoni tas-socjeta' attrici peress li kienet wahda antika tant li kienet tifforma parti originarjament fl-inventarju tas-sena 2006. Kif gie kkonfermat minn ittra ta' Louis Gerada esebita minn Paul Scicluna mal-affidavit tieghu (a fol. 173 u fol. 174 tal-process) is-socjeta' attrici provdiet magna tal-kafe ohra li pero', kif inhi llum il-prassi kienet mislufa lis-socjeta' konvenuta bi ftehim li jinxtara l-kafe' minghand min provda l-istess magna. Jirrizulta li kien l-istess Paul Scicluna permezz tal-ittra tat-28 ta' Novembru 2016 mibghuta lil Louis Gerada li talab li l-magna tittiehed lura u mhux kif xehed hu li din ittiehdet b'decizjoni ta' terz. Il-Qorti tqis li wara din id-decizjoni s-socjeta' konvenuta ma tistax issa tistrieh fuq decizjoni taghha stess li tiddisponi mill-magna sabiex tressaq din l-eccezzjoni kontra s-socjeta' attrici. Huwa mistenni wkoll li magna tal-kafe li kienet fil-lukanda fis-sena 2006 mhux ser tibqa' l-istess ghaxar snin wara. Di piu' fl-iskrittura ta' kera fil-klawsola 12 tas-7 ta' Marzu 2006 (a fol. 27 sa fol. 38) li ma gietx varjata bl-iskrittura tal-11 ta' Frar 2011 (a fol. 39 sa fol. 41) jinghad is-segwenti:

> '... All replacements of the plant and/or **Items** which may become necessary for whatever reason during the term of this Agreement shall be carried out by the **Lessee** at his expense, who will ensure that all replacements are of equal good quality and efficiency as the plant and/or **Items** replaced. ...
>
> Upon the termination or sooner determination for the Lease the **Lessee** shall return to the **Lessor** the same number of **Items** as listed in the annexed inventory (the original or substituted **Items** as the case may be) in good working order and condition, fair wear and tear excepted.'

Illi apparti s-suespost, ghandu jinghad ukoll li fir-rigward tal-magna tal-kafe, tal-'grinder', tal-'fire blankets' u tal-'pot' dekorattiv tac-ceramika l-Qorti tinnota li s-socjeta' konvenuta ma ressqet l-ebda prova fl-atti tal-valur ta' dawn l-oggetti filwaqt li fis-sottomissjonijiet taghha qed tippretendi li din il-Qorti tivvinta l-valuri hi stess. Fic-cirkustanzi kollha tal-provi esebiti fl-atti l-Qorti hija tal-fehma li meta komparati ma' gestjoni shiha ta' lukanda l-oggetti msemmija mis-socjeta' konvenuta huma nsinjifikanti jew marginali u qed jitqajmu biss bhala skuza sabiex is-socjeta' konvenuta ma teffettwax il-hlas dovut minnha lis-socjeta' attrici.

Illi fir-rigward ta' l-ilment relatat mal-'aircondition' u l-'pressure tank' il-Qorti terga' taghmel referenza ghall-'invoice' Dok A2 - 'Purchased Inventory' (a fol. 4 tal-process) fejn hemm imnizzel fl-ewwel zewg listi illi kien qed jinghata skont fuq sbatax (17) il-televizjoni ta' 22 inch u fuq

gwardarobba li kienet tinsab fil-hames (5) sular sabiex jaghmel tajjeb ghal 'aircondition' u 'pressure tank'. Jirrizulta mill-provi sahansitra li dawn il-korrezzjonijiet saru mir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta Paul Scicluna u ghalhekk il-Qorti ma tqisx li l-ilmenti tas-socjeta' konvenuta dwar dawn iz-zewg oggetti huma gjustifikati. Jirrizulta wkoll mill-atti li konsegwenti ghat-trasferiment tal-gestjoni, skont ir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta Paul Scicluna, sehhet xi hsara fl-'air-conditioners' li kienu jservu r-'reception'. Huwa car li dan l-ilment ma kienx gie diskuss bejn il-partijiet fil-mument li sar il-'handover' tal-gestjoni altrimenti kien jitnizzel fl-imsemmi dokumenti. Fin-nuqqas ta' prova konklussiva sal-grad rikjest fil-ligi fl-atti meta fil-fatt sehhet il-hsara f'dan l-apparat (fejn din il-Qorti hija aktar inklinata li temmen li din sehhet wara t-trasferiment tal-gestjoni) dan l-ilment da parti tas-socjeta' konvenuta wkoll mhux legalment gjustifikat. Il-Qorti ssibha ferm difficli sabiex temmen li bint Paul Scicluna d-Dottoressa Maria Borg Scicluna wara li fi kliemha ghamlet mill-anqas hmistax-il jum qabel it-trasferiment tal-gestjoni tahdem mir-'reception' li ma tindunax li l-arja kundizzjonata ma kinitx qed tahdem kif allegat mis-socjeta' konvenuta. Tant hu hekk li l-istess xhud ghazlet li dwar dan il-punt ma tixhed xejn.

Illi dwar il-kwistjoni tal-akkomodazzjoni kumplimentari li nghatat mis-socjeta' attrici u li giet utilizzata fiz-zmien meta hija ma kienx ghadha topera din il-Qorti fehmet mill-assjem tal-provi li haga bhal din hija l-prattika normali fil-gestjoni ta' lukandi. Meta s-socjeta' attrici tat l-akkomodazzjoni kumplimentari hija kienet qeghdha taghmlu ghall-ahjar interess tal-lukanda bl-ghan li jidhol aktar xoghol. Fil-fatt meta Paul Scicluna gie mistoqsi in kontro-ezami jekk hux minnu li meta huwa ha l-

gestjoni lura kien hemm bosta 'bookings' mill-agenzija partikolari huwa konvenjentement naqas milli jirrispondi u qal li ma jafx u beda jahrab mid-domandi. Ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tqis ukoll li din l-eccezzjoni hija wahda banali u ntiza unikament sabiex ittawwal.

Illi dwar l-allegazzjoni tas-socjeta' intimata li l-apparat tal-lukanda ma kienx qieghed jinzamm fi stat tajjeb ta' manutenzjoni, is-socjeta' attrici pprezentat estratt mill-'audit accounts' (a fol. 120 tal-process) taghha minfejn jirrizulta li saru hlasijiet mis-socjeta' attrici relatati ma' tiswija u manteniment tal-lukanda, ammonti mhux zghar ta' eluf ta' Euro fis-sena. Di piu' fis-seduta ta' nhar it-13 ta' Lulju 2018 xehed Arthur Turner ta' Parker Randall Turner Certified Public Accountants & Auditors fejn ipprezenta estratt mill-'Profit and Loss Accounts' ta' kull 'financial statements' tas-socjeta' attrici Xlendi Management Ltd. u kkonferma bil-gurament li l-ispejjez kienu jigu kollha vverifikati mill-kumpanija tieghu.

Illi s-socjeta' konvenuta qajmet ukoll fil-mori kwistjoni dwar pagamenti minn agenti li bi zball maru ghand is-socjeta' attrici meta dawn kellhom isiru lis-socjeta' konvenuta. Jirrizulta mix-xhieda tal-istess Paul Scicluna li kien hemm kemm pagamenti li marru ghand is-socjeta' konvenuta li kienu dovuti lis-socjeta' attrici u vice versa. Jirrizulta wkoll li dawn finalment ghaddew ghand lil min kienu verament dovuti. Ghalkemm verament seta' kien li pagament partikolari dam ftit ghand is-socjeta' attrici qabel ma dan gie mghoddi lis-socjeta' konvenuta certament dan id-dewmien ma jistax ifisser li allura s-socjeta' konvenuta ma thallasx dak dovut lis-socjeta' attrici!

Illi ghalhekk il-Qorti ma tqisx li l-provi li tressqu fl-atti jistghu b'xi mod jwasslu lill-Qorti tiddeciedi li kien hemm nuqqasijiet min-naha tas-socjeta' attrici kif qed issostni s-socjeta' konvenuta u li jiggustifikaw li din il-Qorti ma tilqax it-talba attrici.

**Eccezzjoni ta' intempestivita':**

Illi dwar l-eccezzjoni tal-intempestivita' tal-kawza, din il-Qorti wara li rat il-provi kollha fl-atti fosthom il-fatt li l-gestjoni tal-lukanda ghaddiet ghand is-socjeta' konvenuta f'Marzu, 2016 filwaqt li l-kawza nfethet sena wara stante li sa dak iz-zmien kien ghadu ma sarx il-pagament u wkoll in-numru ta' interpellazzjonijiet permezz ta' ittra mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta partikolarment sabiex isir il-hlas u t-tentattivi sabiex isiru laqghat mal-avukati, ma taqbilx mas-sottomissjoni tas-socjeta' konvenuta li l-kawza giet intavolata ntempestivament anzi hija konvinta illi kieku ma gietx intavolata l-kawza, s-socjeta' konvenuta kienet ser tibqa' ttawwal il-kwistjoni.

**Prova ta' dak dovut:**

Illi mid-dokumenti kollha esebiti partikolarment id-dokumenti A 1 sa A 15 kif sostanzjati u korroborati mill-bqija tax-xhieda, partikolarment il-konferma li dawn id-dokumenti gew sahansitra korretti mill-istess rapprezentant tas-socjeta' konvenuta, il-Qorti tqis li l-ammont kif pretiz mis-socjeta' attrici gie sufficjentement pruvat.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta′ w′tiddeciedi dan l-avviz billi filwaqt illi tichad l-eccezzonijiet kollha tas-socjeta′ konvenuta ghajr il-korrezzjoni ordnata fl-okkju minn din l-istess Qorti, tilqa′ t-talba tas-socjeta′ attrici u tordna lis-socjeta′ konvenuta thallas lis-socjeta′ attrici s-somma ta′ sebat elef tliet mija hamsa u disghin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€7,395.29c) bl-imghax legali kif mitlub sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta′ konvenuta.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur